Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija

IT-TMIEN LEĠISLATURA

17 t'Ottubru 2023

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.08 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi -Viċi Sindku

Domenic Zerafa - Kunsillier

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

## 60.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

60.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

60.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 58 u Nru 59 kienu mibgħuta qabel il-laqgħa. Dawn ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rrispetivament.

## 60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

60.3.1 Is-Sindku kkomunika li l-ġimgħa ta' qabel kien ħareġ il-permess fuq Ġnien Blankas u b'hekk il-Kunsill seta' jissokta bil-proġett maħsub għal dan il-ġnien li għalih kien ħa fond ta' €80,000 taħt l-iskema LESA. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rrimarkat li l-ispiża tal-Perit kienet waħda sostanzjarja.

60.3.2 Is-Sindku rreferra għall-Playingfield tal-Ħamrija li fih kienu ġew installati il-play equipment riċentament. Is-Sindku spjega li qed ikun iffrekwentat minn ħafna tfal. Il-Kunsilliera Attard rreferriet għall-inċident ikrah li b'xorti tajba ġie evitat. Dan seħħ hekk kif play equipment partikulari ma kinitx imwaħħla. Is-Sindku spjega li kien hu stess li widdeb il-kuntrattur, li dan il-playingfield għadu mhux ċċertifikat u suppost mhux aċċessibbli għall-pubbliku inġenerali. Il-Kunsilliera Attard ilmentat li m'hemmx varjata fil-play equipment magħżul u ħafna residenti ilmentaw magħha fuq dan. Is-Segretarju ħarġet il-pjanti proposti u anke rreferriet għat-tender maħruġ. Il-Kunsill ra li x-shades li jidhru fuq il-pjanta ma kinux tniżżlu fil-BOQ tat-tender. Għaldaqstant ġie kkuntatjat il-Perit li spjega li dawn ix-shades ma kinux idaħħlu peress li jammontaw għall-spiża sostanzjarja u faċilment jinħadmu għand ħaddied b'ammont ferm inqas. Mal-Perit ġie kkomunikat x-xewqa tal-Kunsill li tiżdied żurżieqa. Il-Perit spjega li jrid jiċċekkja sew peress li l-istandards tal-MCCAA jitolbu li jkun hemm spazju vojt fejn it-tfal jistgħu jilagħbu.

Il-Kunsilliera Jeanelle uriet ix-xewqa li ssir bord interattiva li tkun tista' tintuża minn tfal bi problema ta' komunikazzjoni. Il-Kunsilliera Attard talbet li nikkunsidraw anke sensory play equipment. Il-Kunsilliera Attard talbet li tintbagħat talba lil Ministru Julia Farrugia Portelli għall-għajnuna fuq sensory play equipment..

*17.57 Fil-kamra daħal is-Sur Joseph Bonello*

60.3.3 Is-Sindku ntroduċa lis-Sur Bonello mal-Kunsill fejn spjega li s-Sur Bonello hu arborista li kien tkellem miegħu fuq il-playingfield tal-Ħamrija. Is-Sindku spjega li l-playingfield għalkemm ġie installat l-equipment jidher wisq vojt u għandu bżonn ftit ħajja permezz ta' siġar u pjanti. Is-Sur Bonello spjega li diġà hemm siġar fil-playingfield imma l-Kunsill għandu jara li li jiżdiedu ħafna aktar pjanti u arbuxelli li jindikaw ħajja u jagħtu kulur f'kulur staġun tas-sena. Is-Sur

Bonello qasam l-idea tiegħu li l-playingfield jinqasam f'erbgħa sessjonijiet. L-idea tiegħu hi li apparti li l-pjanti u s-siġar jitgawdew minn min iżur il-playingfield jitgawdew ukoll minn dawk li jkun għaddejjin minn Triq Il-Ħamrija li hi triq iffrekwentata ħafna. Il-ħsieb tas-Sur Bonello hu li l-pjanti u siġar magħżula jikkumplimentaw il-fence ikkulurit li hemm idawwar lill-ġnien. Is-Sur Bonello għadda lista ta' pjanti li tinkludi fjuri bħal ġakaranda, flamboyant, siġar sterlizza, etċ flimkien ma' sistema ta' irrigazzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta li l-ispiża li waħda sostanzjarja u li titlob li joħroġ. Is-Sindku spjega li kien ser jara jekk jistax jakkwista fondi għal din l-ispiża.

60.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-talba għall-fondi taħt l-iskema SPI SCI 04/2023 ġiet aċċettata u l-Kunsill se jkun qed jikkwalifika għas-somma sabiħa ta' €10,415.07 biex jiġu nstallati CCTVs madwar il-lokalita' tax-Xewkija.

## 60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

60.4.1 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li kultant żmien jitnaddfu l-pannelli fuq il-Kunsill il-qadim fi Triq Torri Tingi. Is-segretarju ħadet nota ta' dan biex tieħu ħsieb tibgħat il-ħaddiema.

60.4.2 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li l-isleeping police fi Triq San Anard baqgħet ma twaħħlitx minkejja li l-kuntrattur lesta x-xogħol. Il-Kunsill iddiskuta s-sewqan eċċessiv anke f'din it-triq u l-fatt li dawn l-isleeping police ikun aħjar li jsiru tal-konkos biex ma joqogħdux jinqalgħu. Is-Sindku spjega li ilu sajf jiġri wara l-kuntrattur biex jieħu ħsieb iwaħħalha u kien se jitkellem mad-Direttur Ġenerali s-Sa Xuereb peress li din hi arterja u jkun aħjar jekk isir tal-konkos.

60.4.3 Il-Kunsillier Domenic Zerafa għadha l-indirizz fejn kien ġie mitlub li jgħaddi t-talba għal sleeping police fi Triq Indrija. Is-Segretarju staqsietu jekk kienx hemm residenti faċċata hekk kif importanti li s-sidien taż-żewġ naħat tat-triq fejn tkun mitluba s-sleeping police japprovawha. Dan biex jiġu evitati ilmenti wara biex din tinqala.'

60.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi fuq il-permess tal-Learning Hub hekk kif diġa' kważi għaddiet sena li l-Kunsill kien ingħata l-fondi għal dan il-proġett. Is-Sindku wieġeb li minn-naħa tas-CRPD kienu talbu xi emendi li kien qed jaħdem fuqhom il-Perit. Is-Segretarju ħadet nota biex tibgħat minnufih il-Perit biex jagħti *update* fuq dan.

## 60.5 Jum Ix-Xewkija

60.5.1 Il-Kunsill iddiskuta meta kellha ssir l-kommemorazzjoni ta' Jum Ix-Xewkija hekk kif mill-aħħar laqgħa kien ikkjarifikat li din ma setgħetx isir il-Ħadd 26 ta' Novembru. Il-Kunsill wara li ddiskutta l-aħjar ġurnata, qabel li din kellha ssir

HB MG

nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru b'quddiesa ta' ringrazzjament u wara programm mużikali mill-Banda Prekursur fis-sala tal-iskola primarja.

60.5.2 Il-Kunsill ra n-nominazzjoijiet mitfugħa għall-premji ta' Ġieh Ix-Xewkija u Ħidmet Iż-Żgħażagħ. Uunaninament ġie maqbul li għal Ġieh Ix-Xewkija għandu jiġi ppremjat is-Sur Feliċ Vella waqt li għal Premju Ħidmet Iż-Żgħażagħ għandu jiġi ppremjat Robert Axiak. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera ferħu lil dawn iż-żewġ persuni li tassew ħaqqhom li jiġu rrikonoxxuti għall-ħidma tagħhom.

60.5.3 Il-Kunsill bħas-snin preċedenti ddiskutta numru ta' rikonoxximenti. Il-Viċi Sindku wera x-xewqa li jirrikonoxxi lil Dun Ġużepp Camilleri għall-anzjanita' attiva, lil Dolores Vella għall-integrezzjoni soċjali hekk kif tgħallem l-Ingliż lill-barranin u lill-Banda Prekursur għall-isem li għamlet fil-qasam kulturali. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li tirrikonoxxi lil ex-kap tal-iskola s-Sa Frankline Zammit Galea fis-settur tal-edukazzjoni, lil Julia Zammit bħala tifla li tippromwovi u lil Mario Xerri u l-anzjani li ħadu sehem fil-proġett tal-Intergrational Project fis-settur tal-innovazzjoni. Il-Kunsillier Johnny Vella wera x-xewqa li jirrikonoxxi lil Carmelo Pace għall-isem li għamel lil Malta fl-iSpecial Olympics fejn rebaħ midalja tad-deheb. Il-Kunsillier Domenic Zerafa wera x-xewqa li jirrikonoxxi lil Rosie Spiteri għall-ħidma tagħha mal-annimali. Il-Kunsill unanimament qabel li għandhom jiġu rrikonoxxuti dawn il-persuni.

60.5.4 B'rabta mal-kommemorazzjoni ta' Jum Ix-Xewkija, is-Segretarju għaddiet is-suġġeriment mill-Assistent Prinċipali Chrismar Xuereb biex isir ħarġa għal Malta wara li anke numru ta' anzjani wrew ix-xewqa li ssir ħarġa Malta. Il-Kunsill iddiskuta li kellu jara li jiġbor il-kwotazzjonijiet għall-bus imbagħad ikun jista' jaħdem kemm għandu jkun il-biljett għal din il-ħarġa. Il-Kunsill qabel li din il-ħarġa għandha tinkludi mawra sal-monti tal-Birgu u wara ħin liberu fil-Belt Valletta.

## 60.6 Milied 2023

60.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet saret laqgħa informali ma' rappreżentati mill-Kumitat Ċentrali fejn fost l-oħrajn ġie diskuss il-Christmas Market li kien pjanat li jsir fil-bidu ta' Diċembru. Il-Kunsill kien qed jistenna *brief* kif ukoll stima tal-ispiża maħsuba biex jittella' dan l-avveniment biex ikun jgħaddiha minnufih lid-Dipartiment biex ikun jista' japprova li l-fondi allokati għall-Fior D'Argenta jiġu utilizzati għal "Christmas in the Square". Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet li l-Kunsill jieħu ħsieb li jara li jkun hemm attivitajiet simili għal dak li kien hemm is-sena l-oħra bħal *story-telling* marbut mal-Milied waqt il-ħin tal-iskola, ftuħ tal-wirja tal-presepji, workshop ta' kif isir presepju ċkejken, zip lining mill-Malta Cadets kif ukoll scavenger hunt.

## 60.7 Korrispondenza u Ilmenti

60.7.1 06/09/2023 Cir AKL 2023/079 _ECAD Newslater September'23.

60.7.2 11/09/2023 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiv lis-Sindku u Kunsilliera fejn ġibdet l-attenzjoni lill-membri tal-Kunsill dwar id-diżappunt li wrew l-Għaqda armar fil-korrispondenza li bagħatu rigward l-Ikla tal-Martirju. Il-Kunsill iddiskuta li l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma tippermettix li l-Kunsill jikkoloborra aktar milli ikolloborra.

60.7.3 12/09/2023 Attn: All Mayors and Local Councillors in Gozo – Invite from the European Commission Representation in Malta re – Hon debate with Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.4 13/09/2023 Cir AKL 2023/081 National Bicycle Ride_24th September.

60.7.5 17/09/2023 Aġenda Nru 59 Laqgħa b'Urġenza.

60.7.6 20/09/2023 Kampanja kontra l-influwenza Staġjonali.

60.7.7 29/09/2023 Cir AKL 2023/085_Laqgħat Skemi ta' parkeġġi fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.8 26/09/2023 NCPE Training to Regional and Local Councils.

60.7.9 03/10/2023 Cir AKL 2023/086_President's Fun Run 2023.

60.7.10 05/10/2023 Sessjoni ta' Informazzjoni għall-Kunsilli Lokali Għawdxin mill-Victims Support Agency (VSA) it-Tnejn 16 ta' Ottubru, 2023. Għal din is-sessjoni kien attenda s-Sindku.

60.7.11 05/10/2023 /Cir AKL 2023/087_Open Call for members – Integrating Generative A1 in Adult Education: Empowering Teachers, and Facilitators.

60.7.12 05/10/2023 Cir AKL 2023/088. Espressjoni ta' interess miftuħa għall-Kunsilli Lokali. Kunsilliera Jeanelle qablet ma' dan.

60.7.13 05/10/2023 Request for Clean Up Activity and Scavenger Hunt. Il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni biex jagħtu l-approvazzjoni għal din l-attivita'.

60.7.14 09/10/2028 Stedina għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-Okkazzjoni Pontifikali fl-Okkazzjoni ta' Jum il-Festa Ta' Sant'Ursula Patruna ta' Għawdex il-Ħadd 22 ta' Ottubru, 2023.

60.7.15 09/10/2023 Cir AKL 2023/083 Customer Care Course 17/10/2023.

60.7.16 09/10/2023 Korrispondenza lis-Sur Joseph Vella mingħand is-Segretarja Eżekuttiva dwar il-"Christmas in the Square".

HS MV

60.7.17 10/10/2023 Direttiva 2/2023

60.7.18 11/10/2023 Agenda Nru 60

60.7.19 13/10/2023 Invit – Inawgurazzjoni tal-Bust ta' Lawrence Camilleri fil-25 ta' Ottubru, 2023 fl-10.00a.m..

60.7.20 13/10/2023 Ċirkulari AKL 2023/088_Espressjoni ta' interess miftuħa għall-Kunsilli Lokali.

60.7.21 13/10/2023 Minuti Laqgħa Nru 58 & Skeda ta' Pagamenti għall-Laqgħa li jmiss.

60.7.22 14/10/2023 Request to use Ta' Blankas for one night – Girl Guides & Scouts.

60.7.23 14/10/2023 Regional Event of the Mission Innovation's Urban Transitions, Platform of the Urban Transition Mission Center 9 November 2023.

60.7.24 16/10/2023 Cir AKL 2023/088_Espressjoni ta' interess miftuħa għall-Kunsilli Lokali.

60.7.25 Talba mis-Sa Azzopardi għal double yellow lines biswit il-garaxx tagħha fi Triq Il-Mitħna. Il-Kunsill qabel li nivverifika hux it-talba qed isir fejn hemm garaxx ieħor għax jekk fl-affirmattiv id-double yellow line jista' jsir fuq naħa waħda tal-garaxx.

60.7.26 Talba mis-Sur Haber biex isiru double yellow lines ma-garaxx fi Triq Il-Ħamrija u titneħħa l-kaxxa tal-parkeġġ li għandu quddiem id-daħla tal-garaxx.

60.7.27 Ilment fuq is-sewqan eċċessiv fit-Triq Il-Kanal. Il-Kunsill konxju mill-problema. Kien diskuss li l-Kunsill għandu jitlob l-assistenza tal-Community Policing biex jassisti u jwaqqaf lil min ikun qed isuq b'veloċita' eċċessiva.

60.7.28 Ilment minn diversi ġenituri biex tiżdied żurżieqa jew play equipmet ieħor minħabba nuqqas ta' attrazzjonijiet għal tfal ta' tlett snin jew iżgħar. Din il-materja ġiet diskussa fil-Komunikazzjoni tas-Sindku.

60.7.29 Talba mis-Sur Cini li bena binja ġdida Triq tal-Ħamrija biex tiġi rilokata l-bus stage bl-isem Ħamrija. Il-Kunsill qabel li jmexxi ma' Transport Malta din it-talba.

**60.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti**

60.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-

Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 60.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

60.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-19.45Is-Sindku aġġorna l-laqgħa sine die.

Konfermati illum

Hubert Saliba

Sindku

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv